

22002D0039

13.6.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 154/25

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE**Nru 39/2002****tad-19 ta' April 2002**

li temenda l-Anness XVIII (Is-Saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, il-liġi tax-xogħol, u trattament egwali għall-iġiel u n-nisa) taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT ŻEE,

Wara li ikkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn il-quddiem referut bħala “il-Ftehim”, u partikolarment l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XVIII tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ŻEE Nru 159/2001 tal-11 ta' Diċembru 2001 ⁽¹⁾.
- (2) Id-Directive 2001/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda id-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/655/KEE tikkonċerna s-sigurtà minima u l-ħtiġijiet tas-sahħha għal l-użu ta' tħamir ta' xogħol minn ħaddiema waqt ix-xogħol (it-tieni Direttiva ndividwali fil-qofol tat-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) of Directive 89/391/EEC) ⁽²⁾ għandha tkun inkorporata fil-Ftehim,

IDDEċIEDA KIF ġEJ:

Artikolu 1

Dan l-inċiż li ġej għandu jkun miżjud mal-punt 10 (id-Direttiva tal-Kunsill 89/655/KEE) ta' l-Anness XVIII tal-Ftehim:

“– **32001 L 0045:** Id-Direttiva 2001/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 (ĠU L 195, tad-19.7.2001, p. 46).”

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2000/45/KE fil-lingwi Islandiż u Norveġiż, li għandhom ikunu ppublikati fis-Suppliment ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-20 ta' April 2002, basta li n-notifikasi kollha permezz ta' l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru mill-Kumitat Konġunt ŻEE (*).

⁽¹⁾ ĠU L 65, tas-7.3.2002, p. 38.

⁽²⁾ ĠU L 195, tad-19.7.2001, p. 46.

(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-Sezzjoni ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE ta', il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmul fi Brussel, fid-19 ta' April 2002.

Għall-Kumitat Kongġunt ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND
